# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Arikolu 214, 216 (1) (b), 339 (d),**
**338 (dd), 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**PAUL BORG**

**Seduta ta' llum, 8 ta' Awissu, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL BORG** ta' tlieta u ghoxrin sena, bin Michael u Annie nee Bugeja, imwieled Pieta` nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1979 u residenti Block G, Flat 16, Triq il-Lellux, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 72179M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar is-sebgha u ghoxrin ta’ Lulju, 2002 ghall-habta ta’ 2.00am gewwa San Gorg, Paceville, San Giljan minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Frankie Calleja mill-Imgarr skond kif iccertifika Doctor C. Muscat.

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebb ghall-istess Frankie Calleja mill-Imgarr sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

3. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Frankie Calleja u tipprovdi garanzija skond il-ligi.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat meta sar l-interrogatorju skond l-artikolu 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien

biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin ta' Lulju, 2002 kif del resto jirrizulta minn ezami tal-istess verbal. Dan sar sabiex jigi segwit skrupolozament il-procedura korretta kif prevista f'kaz ta' ammissjoni fl-artikolu 392 A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk qabel ma ghaddiet biex taghti sentenza, kif kellha kull obbligu taghmel, semghet il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza fuq il-piena u dehrilha li kellha tisma lill-vittma Frankie Calleja kif ukoll prova dwar il-feriti li subixxa l-istess Calleja u dan sabiex ikollha stampa ahjar tal-fatti.

Huwa veru li l-iskop tal-legislatur meta introduca s-subartikolu 6 tal-artikolu 370 u l-artikolu 392 A (1) (2) kien li tigi evitata l-kumpilazzjoni bid-dewmien li din necessarjament iggib pero' l-Qorti fl-istess hin ma tistax tissagrifika l-gustizzja fl-ghoti tal-piena kif fil-fatt gie deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-sbatax ta' Lulju, 2002 fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Testa,** meta intqal is-segwenti;

*"Il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu geluzi li ma jissagrifikawx il-gustizzja oggettiva fl-ghoti tal-piena fuq l-altar tal-konvenjenza jew tal-pseudo efficenzja ibbazata fuq cifri u statistika".*

U hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti ghamlet l-esercizzju hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti fosthom ic-certifikat mediku rilaxxat minn Doctor C. Muscat fejn hemm miktub illi l-feriti li sofra Frankie Calleja ma kienux gravi ghalkemm potenzjalment setghu kienu disfiguring u ghalhekk innominat lil Doctor Dino Vella Briffa, konsulent dermatologu sabiex jezamina lill-istess Calleja u jiddeskrivi n-natura u t-tip ta' feriti subiti minnu.

Illi nhar is-sebgha ta' Awissu, 2002 xehed Doctor Dino Vella Briffa li ddeskriva z-zewg feriti li rrizultaw in konessjoni ma dan l-incident u huwa iddeskriva wahda minnhom bhala sfregju tul zewg centimetri fuq in-naha tal-lemin ta' mohhu li sejra tibqa marka

permanenti u l-ferita l-ohra ta' centimetru u nofs fit-tul fuq in-naha tax-xellug tal-mohh, ta' natura hafifia.

Semghet lill-allegat vittma jghid kif sehh l-incident u kif fil-fatt kien l-imputat li tefghalu flixkun u kkagunalu l-ferita ta' natura gravi kif deskritta minn Doctor Dino Vella Briffa fuq mohhu, waqt li l-ferita l-ohra giet ikkagunata fl-istess incident minn persuni mhux maghrufa, shab l-imputat.

Illi ghalhekk, ghalkemm il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni da parti tal-imputat, hija ukoll sodisfatta li kien l-imputat li kkaguna l-ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Frankie Calleja u dan minghajr raguni valida.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u minn ezami tal-istess jirrizulta illi l-imputat ghandu kondotta tajba salv ghall-zewg convictions dwar pusess ta' droga meta inghata conditional discharge fis-sena 1998 u akkuza dwar l-ordinanza tat-traffiku meta kien inghata multa.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ghalkemm il-Qorti tikkundanna bil-qawwa kollha l-agir abbuziv u aggressiv tal-imputat ma thossx illi piena ta' prigunerija effettiva ghandha tinghata.

Il-Qorti qieset bhala fatturi mitiganti ghal dan il-koperazzjoni totali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat mal-prezentata, il-fedina penali tieghu u d-daqs tal-ferita fuq mohh l-allegat vittma u ghalhekk thoss illi l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza u dana sabiex isservi ta' mannara fuq ras l-imputat sabiex izzommu l-boghod mill-kriminalita` u sabiex b'hekk forsi l-imputat idahhal f'mohhu li ghandu jgib ruhu ta' nies fis-socjeta` u l-komunita` li taghha jifforma parti.

**Ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, qed tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghall-sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'  Malta.**

**Il-Qorti qieghda tipprovdi ghas-sigurta` ta' Frankie Calleja billi tobbliga lill-imputat ai termini tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil Frankie Calleja ghall-perjodu ta' sena mill-llum that penali ta' mitt lira maltin (LM 100) fin-nuqqas.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti processwali jintbaghtu lill-Avukat Generali in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**